# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## Illum, it-Tnejn 2 ta' Lulju, 2001

**Kawza Nru. 3.**
**Citazz. Nru. 802/01 JRM**

**Louis MIFSUD esercenti l-kummerc fl-isem PUNTI PERFETTI**

**vs**

**Maria Carmela BAYLISS u zewgha Carmelo BAYLISS**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-Citazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta:

Illi l-konvenuti xtraw minghand l-attur accessorji tal-hjata fuq diversi perjodi;

Illi l-konvenuti fadlilhom ihallsu bilanc ta' Lm1020.13;

Illi l-ahhar darba li l-konvenuti hallsu akkont kien fl-10 ta' Jannar 2001;

Illi ghalkemm interpellati l-konvenuti baqghu ma hallsu xejn mill-bilanc dovut;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm1020.13 bilanc dovut minnhm ghall-oggetti lilhom mibjugha u konsenjati;

Bl-ispejjez, bl-imghax mid-data tac-citazzjoni u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Semghet in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta' elf u ghoxrin lira maltin u tlettax-il centezmu (Lm1020.13) bilanc dovut minnhom ghall-oggetti lilhom mibjugha u konsenjati, bl-ispejjez, u bl-imghax mid-data tac-citazzjoni, kontra l-konvenuti.

*2 ta' Lulju, 2001.*

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**2 ta' Lulju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**2 ta' Lulju, 2001.**